ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 11 IT-TNEJN 1 TA' FRAR 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli (attenda fis-7.25pm), Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit.

Is-S.E. informa li l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Antoine Saliba Haig infurmawh bil-miktub li ma segħux jattendu għas-seduta minħabba li kellhom impenji oħrajn.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Antoine Saliba Haig ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**11/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 10**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 10 li nżammet nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi ressaq korrezzjoni billi tizdied addenda wara 10/06/01/08 li taqra hekk:**

*Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi ressaq dawn il-punti:*

1. *Sabiex il-Kunsill jibqa' jinsisti mal-awtoritajiet dwar il-bzonn ta' Speed Cameras fi Triq il-Wied.*
2. *Sabiex il-Kunsill jibqa' jinsisti wara l-Korporazzjoni tal-Ilma dwar il-problema ta' ilma ta' drenagg li dejjem inixxi fil-parti tal-wied taħt Triq Manwel Dimech u Triq l-Iljun*
3. *Sabiex il-Kunsill jibqa' jinsisti mal-Kunsill Malti għall-Isport dwar il-ħsarat li hemm fil-Qormi Sports and Fitness Park*
4. *Sabiex il-Kunsill jivverifika mal-MEPA dwar jekk ix-xogħlijiet li qed isiru fil-parti bejn Triq Qormi u Triq it-Tiġrija humiex koperti minn permessi neċessarji peress li applikazzjoni għal żvilupp ma daħlitx.*
5. *Sabiex jekk hu possibli ir-road hump li hemm fi Triq tal-Ħlas tiċċekken mill-għoli tagħha.*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni bil-korrezzjoni msemmija hawn fuq.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 10 ġew approvati kif emendati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**11/01/02 MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li nżammet nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni bil-korrezzjoni msemmija hawn fuq.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**11/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**11/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li meta attendiet għall-konferenza tal-EDEN ġewwa Brussels, hija ltaqgħet ma' bosta uffiċjali minn bliet u rħula madwar l-Ewropa fejn kull belt ipparteċipat fil-kompetizzjoni tal-*European Destination of Excellence*. Is-Sindku spjegat li kien ta' unur

għaliha u għal Ħal Qormi li kienet qed tirrappreżenta lill-lokalita' bħala runner-up f'din il-kompetizzjoni flimkien ma' bliet ferm akbar madwar l-Ewropa. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet billi pproponiet sabiex il-Kunsill jidħol membru fl-EDEN billi jħallas miżata annwali. Il-Kunsill approva unanimament.

**11/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li proprju dakinhar filgħodu l-Kunsill sab li insteraq generator mill-kamra tal-għodda tal-ħaddiema fit-Teatru Grieg ġewwa Ġnien De La Cruz. Il-Kunsill għamel rapport lill-Pulizija li qed jinvestigaw il-każ.

**11/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret fejn il-Kunsill kien rebaħ premju ta' Eur10,000 f'valur ta' vettura elettrika, iżda wara li l-Kunsill ħareġ l-offerti, dawn il-vetturi li jaħdmu bl-elettriku huma finanzjarment għoljin fejn l-iżgħar vettura kienet tiswa Eur13,356. **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li huwa mar jara din il-vettura u induna li mhux addattata għat-tip ta' xogħlijiet tal-Kunsill peress li ma fihiex post fejn tpoġġi l-affarijiet u aktar minnhekk, din il-vettura ma tissakkarx fejn allura trid tkun igaraxxjatha. Peress li l-Kunsill m'għandux garaxx u anke peress li din il-vettura ma taqdix l-esiġenzi tal-Kunsill, il-Kunsill unanimament qabel li jirrifjuta l-*grant* ladarba dan ma jistax jintuża għal xi miżura oħra u li biex jixtri din il-vettura l-Kunsill kien se jkollu joħroġ s-somma ta' Eur3,356. Intant il-Kunsill, qabel unanimament li tinħareġ offerta sabiex jinxtara vann *second hand*.

**11/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill daħħal l-applikazzjoni ta' DNO il-MEPA sabiex isiru lattrini għal persuni bi bżonnijiet speċjali fil-Librerija Reġjonali.

**11/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill se jkompli bil-pjan tiegħu li kien mifrux fuq tlett snin, sabiex iwaħħal *doggy bins* madwar il-lokalita'. Fil-ġranet li ġejjin se jitwaħħlu *doggy bins* f'dawn il-postijiet: Soft Area bejn Triq il-Vitorja u Triq tal-Ħlas; Ġnien Ġorġ Hyzler; Triq ir-Rebbiegħa; Triq Anici; Triq il-Ħammieri; Triq Marcel Attard Vagnolo.

**11/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill beda l-programm ta' bdil ta' bankini fejn fil-ġranet li għaddew saru partijiet minn Triq Dun Marju u Pjazza Federico Maempel. Hija kompliet li dan il-programm għandu jkompli konsistentament fejn f'kull xahar għandhom isiru xogħlijiet ta' bdil ta' bankini.

**11/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill ressaq it-talba tiegħu għal *Speed Camera* fi Triq il-Wied lill-LESA peress li issa din hija l-entita' responsabbli. Dan wara li l-Kunsill kien diġa ressaq din it-talba lil Transport Malta kif ukoll lir-Reġjun Nofsinhar.

**11/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-attivita' tal-Karnival li se tiġi organizzata fil-5 ta' Frar fi Triq il-Vitorja. Bħas-snin preċedenti li jkun hemm il-parteċipazzjoni tat-tlett baned flimkien ma' numru ta' kumpaniji taż-żfin.

**11/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar 2016
**b)** *Bank Payments* Jannar 2016
**c)** *Petty Cash* Jannar 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Tmien Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**11/04 MOZZJONIJIET**

**11/04/01** Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-Kunsill li ma ġewx imressqa mozzjonijiet għad-diskussjoni.

**11/05 RAPPORTI**

**11/05/01 APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Wara diskussjoni dwar il-performance tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni.

*"Billi l-liġi tipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja s-Segretarju Eżekuttiv huwa intitolat għall-performance bonus;*

*U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus*

*a. m'għandux ikun iżjed minn 10% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallas;*

*U billi jien bħala Sindku nirrakomanda fir-rapport mressaq tal-Performance Appraisal, li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata il-massimu tal-performance bonus;*

*Qed jiġi riżolt li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsilli jitħallas l-ammont tal-Performance Bonus ta' 10%.*

**Il-Kunsilliera kollha prezenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jħallas il-performance bonus lis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera tal-fiduċja u l-apprezzament ta' xogħlu. Il-Performance appraisal għandu jintbagħat lid-Direttur tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni finali tiegħu.**

**DOK 'B'**

**11/05/02 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI ANNWALI 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet** lis-Segretarju Eżekuttiv li kien ukoll is-Segretarju fuq il-Kumitat tal-Finanzi sabiex jressaq ir-rapport f'isem l-istess Kumitat.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** spjega li jinżammu l-istess figuri skont dak li ġie stmat fis-sena preċedenti u l-ispiża attwali għall-istess sena u saru xi modifiki fejn kien hemm bidla fil-kuntratti matul is-sena. Għal din is-sena se jkun fadal Eur301,000 għal spejjeż kapitali li jinkludi fondi tal-UIF biex isir it-tisbiħ ta' Triq San Pietru u fondi mill-EIPP biex isir ir-restawr tal-Kappella ta' San Franġisk. Dan apparti l-estimi ta' Eur90,000 biex jsiru numru ta' bankini ġodda kif ukoll Eur8,000 biex isir ir-restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija f'Tal-Blat u Eur10,000 biex tinxtara vettura.

Ġie spjegat li l-Pjan ta' Ħidma 2016-2018 saru l-modifiki fuq dak tas-sena preċedenti skont l-Estimi Annwali 2016.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-Estimi Annwali 2016 u l-Pjan ta' Ħidma 2016-18.

**DOK 'C - D'**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** issekonda din il-mozzjoni.

Ivvutaw Favur Tmien Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-Estimi Annwali 2016 u l-Pjan ta' Ħidma 2016-2017.

**11/05/03 AĠĠORNAMENT TAL-FIXED ASSET REGISTER SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet** lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq id-dokument bil-lista ta' Fixed Assets Disposed Off.

**DOK "E"**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** issekonda din il-mozzjoni.

Ivvutaw Favur Tmien Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li japprova.

**11/06 KORRISPONDENZA**

**11/06/01 Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-8'**

1. Dwar korrispondenza mill-Kumpanija Teatrali Anici sabiex il-Kunsill issemmi triq għall-għaqda tagħhom fl-okkażjoni tat-80 anniversarju mit-twaqqif ta' din l-għaqda, il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba ma tistax tintlaqa' għaliex hija loġistikament impossibbli meta wieħed iqis in-numru ta' għaqdiet li jeżistu fil-lokalita' u bl-istess mod jitolbu biex tissemma' triq għal għaqda tagħhom fl-okkażjoni ta' xi anniversarju.

2. Dwar proposta minn TCTC biex jiġi organizzat kors tal-kompjuter fuq livell reġjonali, fejn il-Kunsilli joħorġu Eur300 biss, il-kunsillier Renald Falzon informa lill-Kunsill li f'laqgħa tar-Reġjun ġie deċiż li dan il-kors jitħallas interament mir-Reġjun.

3. Dwar il-korrispondenza minn mydestinationsmalta.com, il-Kunsill approva unanimament li jieħu dan is-servizz elettroniku bil-prezz ta' Eur150+VAT.

4. Dwar Memo 4/2016, dwar Skema Korsijiet Lifelong Learning, il-Kunsillier Bjorn Azzopardi ippropona li l-Kunsill jerġa japplika għall-istess korsijiet li bħalissa qed jiġu organizzati, jiġifieri

Monstery Works, Beaded Techniques, Taljan, Ingliz u l-fotografija. Ma' dawn se jiżdiedu Card Making u l-Ispanjol. Il-Kunsill approva nem.con .

**11/07 INFORMAZZJONI**

**11/07/01** Il-Kunsillier Marvin Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgħat tal-GAL Xlokk infurmaw lill-Kunsilli Lokali biex nippreparaw għal proġetti taħt xi fondi taħt il-miżura tal-LEADER li għandhom joħorġu fil-ġranet li ġejjin.

**11/07/02** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** bħala kunsillier responsabbli mill-*Animal Welfare*, faħħar l-inizjattiva tal-Kunsill dwar it-twaħħil ta' *doggy bins*, filwaqt li informa lill-Kunsill li l-*HSBC Branch* ta' Ħal Qormi infurmawh li se jkunu qed jagħmlu attivita' fir-rigward ta' inizjattivi fil-komunita', fejn din is-sena għandhom il-ħsieb li jagħmlu *kennels* bħala postijiet ta' kenn għall-qtates.

**11/07/03** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** fakkar ukoll fl-istat ħażin tal-bankina ta' Triq id-Dragun. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li Triq id-Dragun hija waħda mit-toroq li fiha se jinbidlu l-bankini, tant li diġa beda l-proċess tal-ksib ta' permessi.

**11/07/04** **F'dan l-istadju il-Kunsillier Ralph Puli attenda għas-seduta.**

**11/07/05** **Il-Kunsillier Josef Aquilina** informa lill-Kunsill li l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ġiet imdawla mill-ġdid fejn għaldaqstant jeħtieġ li jitneħħa ir-riflettur li kien sar temporanjament.

**11/07/06** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** rringrazzja lill-Kunsill peress li finalment ix-xogħol ta' patching beda.

**11/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-07:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ....................... 2016.